

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 24. GESU' JFEJJAQ IL-QADDEJ TAC-CENTURJUN.

**Matt. 8:5-13; Luke 7:1-10**



Wara li fejjaq lir-ragel imgiddem, Gesu' rega' lura f'Kafarnaw mad-dixxipli tieghu. L-ahbar tal-wasla tieghu mill-gdid xterdet fil-belt qabel ma huwa wasal u hbiebu kienu kuntenti li ghal darb'ohra ser ikun maghhom.

Fost dawk li kienu ferhana li ser jaraw lil Gesu' kien hemm Centurjun li ghalkemm ma kienx Lhudi kien jirrispetta hafna lil Lhud u sahansitra kien bnielhom sinagoga fejn il-Lhud kienu jiltaqghu kull Sibt biex jisimghu u jistudjaw il-kelma ta' Alla.  Fuq hekk kienu jhobbuh u jirripettawh.

Dan ic-centurjun kellu qaddej tieghu li marad sew u deher li ma kienx ser jghix. Kellu qalbu sewda hafna minhabba fih. Sema' li Gesu kien ser ikun Kafarnaw u ghamel f'mohhu li jkellmu biex hekk kif Gesu' ghamel ma' bosta morda jaghmel hekk ukoll mal-qaddej tieghu.  Izda kellu problema. Hu kien Ruman, Gesu' Lhudi Billi haseb li Gesu' ma kienx ser jisma' talbu ghax hu kien pagan, allura sejjah xi lhud u talabhom jaghmluhu pjacir u jkellmu lil Gesu' ghan-nom tieghu.

Il-Lhud marru ghax kienu jirrispettaw lic-Centurjun. Resqu lejn Gesu' u qalulu biex ifejqu billi dan il-qaddej kien ubbidjenti u c-Centurjun  kien bnielhom is-Sinagoga. Mal-hbieb tieghu baghat dan il-messagg lil Gesu':  "Mulej tithabatx biex tigi ghandi ghaliex jiena ma inhix den li nilqghek gewwa dari, izda ghid biss kelma wahda u l-qaddejj tieghi ifieq. Naf li inti tista' tfejqu bhal ma jien ghandi s-setgha li nghid lil dak is-suldat mur u jmur u il iehor ejja u jigi."

Meta Gesu' sema dan ferah bil-fidi ta' dan il-pagan. Quddiem kulhadd Gesu' stqarr li qatt ma ra fidi hekk kbira fis-setgha tieghu divina. Ghalhekk qal lil hbieb tac-Centurjun: " Morru il-qaddejj fieq."

U hekk kien tassew.

## RIFLESSJONI

Min jimxi sew ma' ghajru, anke jekk dan ma jkunx jaqbel mas-sentimenti mieghu, ghajru juri rispett lejh u t-tnejn jghixu fil-paci. X'hemm ahjar li ulied il-bnedmin jghixu fil-paci u rispett lejn xulxin.

Kull min jersaq lejn Kristu jehtieg li jersaq lejh bil-fidi. Tersaq bil-fidi lejn Kristu jigifieri temmen li jista' jisimghek fil-htigijiet tieghek, kemm dawk spiritwali anke dawk materjali.

Ghal Gesu' kull bniedem hu mportani ghax Gesu' helsu u fdieh b'demmu. Kull bniedem jigifieri kulhadd, eccezzjoni hadd.